MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2904/2002

**John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Malitraco Limited sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Malitraco Limited**

**vs**

**Etienne Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta’ hames mija u seba’ u sebghin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm577.38) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta’ Lulju 2000 fi Triq Mgieret, Luqa bejn vettura bin-numru ta’ registrazzjoni MEF 666 misjuqa

mill-konvenut u l-vettura numru AAB 809 misjuqa minn Josef Mifsud u propjeta tal-assikurat Malitraco Limited.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha ecepixxa li:-

1. L-azzjoni attrici hija preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

2. L-incident ma garax tort tal-konvenut izda unikament htija ta' Josef Mifsud li kien qieghed isuq il-vettura AAB 809.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

3. Fl-ewwel lok dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni t-Tribunal jirrileva li l-incident sehh fit-28 ta' Lulju 2000 u l-atturi pprezentaw kopja ta' ittra ufficjali li giet prezentata fis-16 ta' Mejju 2002 u notifikata fit-22 ta' Mejju 2002 [fol. 10 u 11]. Ghalhekk kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni fit-terminu stabbilit mil-ligi. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija michuda.

4. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) L-incident meritu tal-kawza sehh fi Triq Mgieret, Luqa.

(b) Il-vetturi nvoluti f'dan l-incident kienu, MEF 666 tat-tip BMW 520 misjuqa minn Etienne Schembri u l-vann bin-numru AAB 809 misjuq min Josef Mifsud.

(c) Fil-hin ta' l-incident il-konvenut kien qieghed jaghmel manuvra sabiex jidhol fit-triq li tati ghal San Vincenz de Paule, filwaqt li l-vettura AAB 809 [li kienet wara dik misjuqa mill-konvenut] kienet qeghda taghmel manuvra ta' sorpass.

5. Fil-fehma tat-Tribunal element krucjali huwa l-fatt li l-incident sehh vicin *road junction* u fil-mument meta l-konvenut ried jaghmel manuvra biex mit-triq principali idur ghal fuq il-lemin tieghu biex jidhol fi triq li twassal ghal San Vincenz de Paule. Manuvra li kienet timponi fuq il-konvenut doveri li kien marbut li josserva apparti dak li jissenjala l-intenzjoni tieghu li jesegwixxi din il-manuvra lit-traffiku li, bhal Josef Mifsud, kien gej minn warajh.

6. Huwa maghruf *li "min johrog l-indicator, ikun qed jaghti, kif hu obbligat, avviz lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu, imma ma jistax, sempliciment ghax hareg l-indicator, jaghmel li jrid, jikser il-priorita' li jaghti r-regolamenti u jaqleb ir-rule of the road favur tieghu"* [sentenza li nsibu fil-Volum XXXVII.iv.868]; *"is-sinjal ghall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam it-triq, izda dan mhux bizzejjed biex hu jkun jista' jaqsam"* [App. Kriminali **Pulizija vs F. Schembri** deciza fis-26 ta' Gunju 1968].

7. Ghal dak li jikkoncerna s-sorpass din ghandha ssir b'sikurezza. Manuvra bhal din tista' tkun perikoluza li ssir meta sewwieq jipprevedi li l-vettura li tkun qed taqla' tista' tibdel ir-rotta. Fil-kawza fl-ismijiet Borg vs Ciantar deciza fid-9 ta' Novembru 1968 [ghal liema sentenza saret riferenza fil-kawza fl-ismijiet jurgen **W. Dobler vs Anthony Caruana** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998] inghad li *"l-onus tal-prova li s-sewwieq tal-vettura ta' quddiem kien negligenti u bin-negligenza tieghu kkaguna l-kollizjoni jaqa' fuq is-sewwieq ta' l-overtaking vehicle"*.

8. Min-naha tieghu Josef Mifsud [sewwieq tal-vann AAB 809] cahad li huwa kien qieghed jaghmel manuvra ta' sorpass. Madankollu fl-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz jinghad li huwa ddikjara li kien qieghed jaghmel tali manuvra u f'dak il-hin il-vettura bidlet id-direzzjoni taghha. Dan apparti l-fatt li meta wiehed jara l-iskizz tal-pulizija [fol. 19] tidher iktar kredibbli li pprova jaghmel manuvra ta' sorpass.

9. Min-naha l-ohra meta l-konvenut gie biex jibdel direzzjoni naqqas l-ispeed u beda jaghmel il-manvura biex jidhol fit-triq sekondarja. *Ex admissis*, ghalhekk li l-konvenut qabad u dahar lejn il-lemin bla ma attwalment waqaf. It-Tribunal jemmen li l-konvenut ma kienx attent fl-obbligu tieghu li jaccerta ruhu mill-moviment tal-vetturi kollha li jkunu jsegwuh, waqt li jissenjala adegwatament x'kienet l-intenzjoni tieghu.

10. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz it-Tribunal ser jaqsam il-htija ghall-incident in kwantu ghal terz (1/3) fuq l-attur u zewg terzi (2/3) fuq il-konvenut. Josef Mifsud ittanta jaghmel manuvra ta' surpass vicin *junction* meta kellu allura jkun prevedibbli ghalih li vettura quddiemu setghet tbiddel id-direzzjoni. Il-fatt li wiehed ikun oltrepassa l-linja immaginarja tat-triq m'hijiex wahedha determinanti ghal finijiet ta' responsabbilta. Madankollu t-Tribunal jemmen li f'dan il-kaz partikolari hemm element ta' kontributorjeta min-naha ta' dan is-sewwieq.

11. Ghal dak li jikkoncerna l-likwidazzjoni tad-danni ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundana lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u erba' u tmenin lira Maltija u tnejn u disghajn centezmu (Lm384.92), bl-imghax mil-lum sad-data ta' l-effettiv pagament.

Spejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut u kwantu ghal terz (1/3) mill-atturi.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------